MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Numru 12/1994

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Joseph Harrington**

**Il-Qorti**:

Rat is-sentenza moghtija fit-12 ta’ Lulju 2000 mill-Qorti Kriminali li tghid hekk:

**" Il-Qorti,**

**Rat il-verdett registrat illum 12 ta' Lulju 2000 li bih il-gurati:**

**(1) Bi tmien (8) voti kontra vot wiehed (1) sabu lill-akkuzat Joseph Harrington hati ta' omicidju volontarju (l-Ewwel Kap);**

**(2) Bi tmien (8) voti kontra vot wiehed (1) sabu lill-akkuzat Joseph Harrington hati ta' hsara volontarja, b'dan li l-ammont tal-hsara hu izjed minn hames mitt lira Maltin (Lm500) (Tielet Kap);**

**(3) Unanimament sabu lil Joseph Harrington hati talli bla ordni skond il-ligi ta' awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta` taghha b'dan li l-persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata, giet mhedda bil-mewt u d-delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ora, jew biex il-persuna l-ohra tkun imgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta' hwejjigha (Raba' Kap);**

**(4) Unanimament sabu lil Joseph Harrington hati ta' serq ta' oggett tal-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000) liema serq hu kwalifikat bil-vjolenza (armi, theddid ta' omicidju, sekwestru tal-persuna), valur u bix-xorta tal-haga misruqa (Hames Kap);**

**(5) Bi tmien (8) voti favur u vot wiehed (1) kontra sabu lil Joseph Harrington hati ta' serq kwalifikat bil-vjolenza (armi, theddid ta' omicidju, sekwestru tal-persuna) (Sitt Kap);**

**(6) Unanimament sabu lil Joseph Harrington hati ta' serq kwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa (Seba' Kap);**

**(7) Unanimament sabu lil Joseph Harrington hati talli minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija zamm f'xi fond arma tan-nar jew munizzjon (Tmien Kap);**

**(8) Unanimament sabu lil Joseph Harrington hati talli minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu (Disa' Kap);**

**(9) Unanimament sabu lil Joseph Harrington hati talli fil-hin li ghamel delitt ta' serq kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari (L-Ghaxar Kap);**

**(10) Unanimament sabu lil Joseph Harrington hati talli sq motor car minghajr licenzja tas-sewqan (Hdax-il Kap);**

**(11) Unanimament sabu lil Joseph Harrington hati talli ghamel uzu minn, jew gieghel jew halla lil persuna ohra tuza vettura tal-mutur fit-triq meta ghall-uzu tal-vettura minnu, jew minn dik il-persuna l-ohra, skond il-kaz, ma kinitx issehh Polza ta' Sigurta` Dwar Riskji ta' Terzi Persuni, skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza Dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Tnax-il Kap);**
**(12) Unanimament iddikjaraw u sabu lil Joseph Harrington recidiv f'delitt u dan b'riferenza ghal kull Kap fuq imsemmi fejn sabuh hati, cioe` ghall-Kapi 1, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 11 u 12;**

**Tiddikjara lil Joseph Harrington hati tar-reati kollha fuq imsemmijin kif ukoll li hu recidiv f'kull Kap misjub hati;**

**Semghet lil Lindsey Harrington, bint il-hati, kif ukoll lill-Avukati, dwar il-piena;**

**Hadet in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi u cirkostanzi, u cioe:**

**(a) Ir-reat l-aktar gravi li tieghu gie misjub hati Joseph Harrington huwa dak ta' omicidju volontarju u**

**jirrizulta mill-provi li –reati l-ohrajn servew biex isir dan ir-reat imsemmi ta' omicidju volontarju;**

**(b) Ir-reat taht l-Ewwel kap, dak tal-qtil volontarju, jirrizulta li kien ghal xi zmien premeditat u ppjanat mill-istess hati;**

**(c) Illi dan il-qtil volontarju ta' Sylvia King apparti li kien wiehed premeditat, jirrizulta li gie mwettaq mill-hati bl-aktar mod krudili u hruxija;**

**(d) Illi jirrizulta li l-hati kien l-awtur fir-reati kollha addebitati lilu u li taghhom instab hati;**

**(e) Qieset li l-hati ghandu fedina penali refrattarja;**

**(f) Qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-verdett ta' kif Joseph Harrington instab hati taht kull Kap;**

**U wara li rat l-artikoli 211, 212, 325(a), 86, 87(c)(e), 261(a)(c)(g), 262(1)(a)(b)(2), 267, 271(g), 275, 277(a), 279(b), 280(1)(2), 281(a), 49, 50, 31(1)(a)(e)(b)(xiii)(xii)(xi)(x)(ix)(viii)(vii)(vi)(v)(iv)(ii)(ii), 32(1) u 533 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-artikoli 2, 3(1)(1A), 19, 26(a)(b) u 27 tal-Kap. 66, kif ukoll l-artikoli 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 u l-artikoli 3(1)(2)(a)(2A)(2B) tal-Kap. 104;**

**Tikkundanna lil Joseph Harrington ghal-piena ta' prigunerija ghal ghomru;**
**Tordna l-konfiska tal-pistola u munizzjon esebit;**

**Tikkundanna wkoll lill-hati li jhallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' erba' mija u disghin lira Maltin (Lm490) li huma nofs l-ispejjez peritali konnessi mal-hatra ta' l-esperti f'dan il-kaz, u dan fi zmien sitt xhur millum".**

Rat li minn din is-sentenza l-akkuzatipprezenta rikors ta' appell fl-24 ta' Lulju 2000 li bih talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka l-verdett imsemmi tal-gurati u s-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-12 ta' Lulju 2000, u tordna li jigi registrat

verdett ta’ mhux hati fil-konfront tieghu li ghandu jigi liberat minn kull htija u piena; u subordinatament u fi kwalunkwe kaz, jekk din il-Qorti tichad l-appell tieghu ghal dik li hi htija, tirriforma s-sentenza appellata ghal dik li hi piena billi tinfliggi piena fil-limiti tal-ligi u li tirrispekkja c-cirkostanzi tal-kaz u l-verdett milhuq li ma kienx wiehed ta’ unanimita`;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant, skond ir-rikors ta' appell tieghu, huma s-segwenti:

(1) Mill-provi processwali ma kienx hemm bizzejjed biex il-gurija ragjonevolment setghet issib htija fil-konfront tieghu almenu minghajr kwalifiki.

(2) Fil-kors ta’ l-indirizz ta’ l-Imhallef li ppresjeda l-guri, kien hemm direttivi ta’ ligi zbaljati b’mod li kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi li setghet kellha effett determinanti fuq il-verdett raggunt mill-gurati.

(3) Fil-kors tal-guri saru bosta zbalji u rregolaritajiet proceurali b’tali mod li huwa ma kellux *“a fair trial”*.

(4) Fi kwalunkwe kaz u subordinatament, anki li kieku kellu jigi accettat li l-akkuzat huwa hati, il-piena nflitta fuqu mill-ewwel Qorti hija eccessiva u tmur oltre dak permess mil-ligi.

Din il-Qorti sejra tezamina l-aggravji skond is-sekwenza li huma spjegati mill-appellant fir-rikors ta’ l-appell tieghu:

**<u>Irregolaritajiet waqt il-guri</u>**

L-ewwel ilment ta’ l-appellant jirrigwarda l-htiega li kellha d-difiza li tqajjem punt ta’ ligi quddiem il-gurati dwar il-

produzzjoni ta' martu bhala xhud u dan meta kien diga` oggezzjona inutilment qabel ma bdew jinstemghu x-xhieda. Huwa jghid hekk fir-rikors ta' l-appell:

"Illi l-appellant gie notifikat ftit jiem qabel il-bidu tal-guri b'rikors intavolat mill-mara tieghu Monica Fenech, fejn talbet biex ma tixhidx fil-guri ta' l-appellant. Illi qabel ma bdew jinstemghu l-provi, l-avukat difensur ta' l-esponent talab sabiex jittratta dan ir-rikors u dan stante illi l-mara ta' l-akkuzat hija inammissibbli bhala xhud hlief fi tliet okkazjonijiet imsemmija fl-artikolu 635(1), li mhumiex applikabbli fil-kaz de quo. Illi minkejja l-insistenza tad-difiza, il-Qorti ordnat li din ix-xhud tinstema' waqt il-procediment tal-guri, bir-rizultat li l-prosekuzzjoni ghajtet lil Monica Fenech bhala xhud u d-difiza quddiem il-gurati kellha tqajjem punt ta' ligi.

Illi bhala background ghal dan, waqt il-guri, numru sostanzjali ta' xhieda semmew lill-mara ta' l-appellant u ovvjament l-oggezzjoni tad-difiza bhala xhud setghet qajmet suspett li kien hemm xi biza' li tixhed. B'hekk kien ikun ghaqli li r-rikors jigi trattat qabel il-bidu tal-guri u b'hekk jigi evitat dan l-incident li ovvjament ippregudika lill-appellant, minkejja li legalment kellu d-dritt kollu skond il-ligi li joggezzjona ghall-produzzjoni ta' martu bhala xhud u tali oggezzjoni kien iddikjaraha inutilment qabel ma bdew jinstemghu x-xhieda."

Mill-atti fil-fatt jirrizulta li Monica Fenech ipprezentat rikors fid-19 ta' Gunju 2000 fejn talbet li, bhala mart l-appellant (li minnu kienet ottjeniet il-firda personali) u li hu missier uliedha, hija tigi ezentata milli tigi prodotta bhala xhud. (fol. 151) Fis-26 ta' Gunju 2000, l-ewwel jum tal-guri, qabel ma nhatru l-gurati, gie trattat ir-rikors imsemmi u l-ewwel Qorti rrizervat li tipprovdi jekk ikun il-kaz aktar 'il quddiem. Fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2000, wara li kienu diga` nstemghu diversi xhieda, il-prosekuzzjoni talbet biex tissejjah mart l-appellant u l-avukat difensur talab li jigi trattat punt ta' ligi. F'dak l-istadju l-ewwel Qorti talbet lill-gurati jirtiraw. Dak li sar wara ghalhekk sar fl-assenza taghhom, u cioe`, kif jirrizulta mill-verbal relattiv:

"Dr. Malcolm Mifsud ghall-akkuzat jopponi ghal din it-talba sabiex tixhed Monica Harrington u dana in vista tal-artikolu 635(1)(c).

F'dan l-istadju l-Qorti ordnat li tidhol fl-awla sabiex jigu kjarifikati xi punti li johorgu mir-rikors taghha prezentata fid-19 ta' Gunju, 2000 fejn l-isem tar-rikorrent qed jidher bhala Monica Fenech u mhux Harrington.

Ir-rikorrent Monica Fenech bil-Malti bil-gurament tagha tghid.

Meta spiccat tixhed Monica Fenech gie trattat il-punt sollevat minn Dr. Malcolm Mifsud.

Il-Qorti,

In vista tax-xiehda moghtija llum minn Monica Fenech, tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fis-seduta ta' nhar-it Tnejn, 3 ta' Lulju, 2000 waqt is-sessjoni ta' filghodu jipproduci l-proceduri fil-prima istanza u fil-Qorti tal-Appell riferibilment ghall-kaz ta' separazzjoni personali bejn Monica Fenech u l-akkuzat Joseph Harrington liema proceduri skond ir-rikorrent Monica Fenech gew dikjarati dezerti mill-Qorti tal-Appell Civili ghall-habta ta' Novembru, 1997.

Komunika lir-Registratur tal-Qorti immedjatament illum stess."

Fil-bidu tas-seduta tat-3 ta' Lulju 2000, wara li – skond il-verbal relattiv – gew imsejhin il-gurati fl-awla, dehret Ms Gemma Debono, Direttur Generali u Registratur tal-Qorti, li xehdet bil-gurament u pprezentat kopja legali tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta' Ottubru 1994 fl-ismijiet **Monica Fenech vs Joseph Harrington**. F'dak l-istadju gie verbalizzat hekk:

"Dr. A. Barbara ghall-prosekuzzjoni in vista ta' l-oggezzjoni tad-difiza ghall-produzzjoni ta' Monica Harrington sive Fenech f'dan l-istadju ma jinsistix ghall-

istess xhud, u tirrizerva li tipproduci l-istess xhud f'kaz ta' bzonn.

Il-Qorti,

In vista tal-verbal tal-prosekuzzjoni tal-lum filwaqt illi tirrileva illi hi ghadha ma tat l-ebda awtorizzazzjoni biex tigi prodotta bhala xhud tal-prosekuzzjoni l-imsemmija Monica Fenech, qed tirrizerva li taghti l-provvediment taghha fuq ir-rikors ipprezentat minn Monica Fenech fi stadju ulterjuri f'kaz u jekk jinqala' bzonn."

L-appellant isostni illi dan kollu seta' halla certa influwenza fuq il-gurija li kien hemm xi haga x'wiehed jahbi**.** Din il-Qorti tapprezza dak li qieghed jissolleva l-appellant u jidhrilha li  kien ikun aktar ghaqli li, partikolarment dak li sar fit-3 ta' Lulju 2000 ma jsirx fil-prezenza tal-gurati. Wara kollox, nonostante dak li vverbalizzat il-prosekuzzjoni li d-difiza kienet oggezzjonat ghall-produzzjoni ta' Monica Fenech, kienet l-istess Monica Fenech li kienet intavolat rikors f'isimha biex hija ma tixhidx. U ma jirrizultax mill-atti li dan ingab a konjizzjoni tal-gurati. Fil-fehma ta' din il-Qorti, pero`, fil-kaz odjern, dak li qieghed jikkontendi l-appellant ma hu xejn hlief kongettura u ma jistax jitqies bhala argument rejalistiku. Effettivament Monica Fenech ma giet prodotta fl-ebda stadju biex tixhed quddiem il-gurati, ma saret l-ebda talba ohra mill-prosekuzzjoni sabiex hija tixhed u ma nghata ghalhekk l-ebda provvediment mill-ewwel Qorti f'dar-rigward. U tant ma gietx enfasizzata din il-kwistjoni, illi lanqas biss ma tissemma' mill-Imhallef li ppresjeda l-guri fl-indirizz tieghu.

Konsegwentement dan l-ilment huwa michud.

It-tieni lment ta' l-appellant huwa dwar il-qari fl-intier ta' l-istqarrija li kien ghamel Thomas Baldacchino waqt l-inkjesta. L-appellant jghid:

"Illi fit-tieni lok l-istatement li ghamel Thomas Baldacchino lill-Magistrat Inkwerenti li qeghda tifforma parti mill-proces verbal inqrat fl-intier lix-xhud Thomas Baldacchino, li min-

naha tieghu qal li ma jiftakar xejn dwar l-incident fejn kienu involuti hu u l-appellant u Sylvia King. Illi x-xiehda li ta lill-Magistrat Inkwerenti kellha, skond il-ligi, isservi biss bhala kontroll tax-xhud u mhux tinqara fl-intier taghha u x-xhud semplicement mitlub jikkonfermaha kultant waqt il-qari taghha. Thomas Baldacchino, li kien xhud principali tal-prosekuzzjoni, kellu jaghmel bhal ma ghamlu xhieda kollha, u cioe`, jirrakkonta dak li jaf dwar il-kaz u f'kaz ta' diskrepanza jigi kontrollat bix-xiehda li kien ta quddiem il-Magistrat Inkwerenti. Il-mod kif saru l-affarijiet spicca kien ta' intimidazzjoni fil-konfront tieghu."

Mill-verbal tal-5 ta' Lulju 2000 jirrizulta illi din il-kwistjoni tqajmet mid-difiza billi oggezzjonat li tinqara lil Thomas Baldacchino l-istqarrija li kien ghamel quddiem il-Kummissarju tal-Pulizija u s-Supretendent J. Cachia u sussegwentement guramentata quddiem il-Magistrat Inkwerenti stante illi l-ebda stqarrija ta' komplici jew ko-akkuzat ma tista' tingieb bhala prova kontra l-akkuzat. Dott. Antony Barbara ghall-prosekuzzjoni rrileva li din hija xiehda guramentata quddiem Magistrat u ghalhekk ammissibbli bhala prova peress illi l-istess xhud "jiftakar li kien ghamel l-istess deposizzjoni u kien l-istess xhud li talab li jigi mfakkar dak li kien xehed ghax illum ma jiftakarx." L-ewwel Qorti mbaghad tat dan id-digriet:

"Il-Qorti,

Rat l-artikoli 549(4) moqri flimkien ma' l-artikolu 646(2) tal-Kodici Kriminali;

Tirrileva illi x-xiehda li Thomas Baldacchino ta waqt l-inkjesta magisterjali quddiem il-Magistrat Inkwerenti fis-6 ta' April 1993 hija xiehda guramentata moghtija waqt l-inkjesta meta ma kinux ghadhom bdew il-proceduri kontrih u kontra l-akkuzat odjern, liema xiehda tinkludi dak li kien stqarr lill-pulizija kif ukoll tinkludi korrezzjonijiet u zieda u kjarifikazzjonijiet li deherlu li kellu jaghmel quddiem il-Magistrat Inkwerenti.

Dik ix-xiehda ghalhekk tinkwadra ruhha f'zewg artikoli u sub-incizi taghhom fuq imsemmija u ghalhekk stante li l-

atti tal-inkjesta magisterjali b'dak kollu li hemm fiha bix-xiehda li kien sema' l-Magistrat bil-gurament tifforma prova fl-atti ta' dan il-guri;

Tiddeciedi ghalhekk billi tichad l-oggezzjoni mqajma mid-difiza u tawtorizza lill-prosekuzzjoni biex tkompli bl-ezami tax-xhud."

Id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti kienet korretta. Huwa veru li s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li **"ix-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-qorti u *viva voce*"**, izda dan bla hsara tad-disposizzjonijiet l-ohra fl-imsemmi artikolu. Is-subartikolu (2) jiddisponi hekk: **"Ix-xiehda tax-xhieda, sew kontra kemm favur l-imputat jew akkuzat, kemm-il darba tkun ittiehdet bil-gurament matul il-kumpilazzjoni, skond il-ligi, tista' tingieb bhala prova"** u s-subartikolu (4) ta' l-artikolu 549 jipprovdi: **"Din ix-xiehda [mismugha fl-access li ghandha tigi mdahhla fil-process verbal] ghandha tittiehed bil-mod li tittiehed ix-xiehda tax-xhieda li jinstemghu mill-Qorti tal-Magistrati bhala qorti istruttorja, <u>u ghandha l-istess effett</u>"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Inoltre s-subartikolu (4) ta' l-artikolu 646 jipprovdi: **"Il-processi verbali jistghu jingiebu bhala prova bhal ma jinghad fl-artikolu 550"**.

Apparti dan, minn dak li semghet din il-Qorti mir-registrazzjoni tat-tape tax-xiehda ta' Thomas Baldaccino jirrizulta li fil-fatt kien l-istess Thomas Baldacchino li talab diversi drabi li jigi mfakkar. Ta' min jghid ukoll illi wara l-ezami ta' dan ix-xhud id-difiza kellha opportunita` li taghmillu kontro-ezami u inoltre l-istess Thomas Baldacchino xehed f'kull post li accediet fuqu l-Qorti meta, waqt il-guri, sar l-access fis-6 ta' Lulju 2000.

Ghalhekk hawn ukoll l-ewwel Qorti ma kkommettiet l-ebda irregolarita`.

Fl-ahharnett l-appellant jilmenta li ma ngabitx l-ahjar prova dwar il-valur tal-karrozza li kienet mahruqa. Huwa jsostni hekk:

"Illi fit-tielet lok, il-prosekuzzjoni ma gabitx l-ahjar prova dwar il-valur tal-karrozza li kienet mahruqa u dan peress li kien hemm espert, William Cassar Torreggiani, mahtur mill-Magistrat Inkwerenti, li ssottometta r-rapport tieghu fuq il-valur. Peress li l-Perit Tekniku kien indispost, il-prosekuzzjoni u d-difiza qablu li r-rapport tieghu jinqara, izda minkejja dan, ma nqarax u b'hekk l-ahjar prova dwar il-valur tal-karrozza ma ngabitx, bil-konsegwenza li kull xiehda ohra, b'mod specjali ta' Costantino Balzan, Perit Tekniku iehor li rrelata dwar il-valur taghha ghandu jigi meqjus irrelevanti minhabba l-fatt li l-prosekuzzjoni li ghandha l-obbligu li ggib l-ahjar prova kellha opportunita` li ttella' prova ahjar minn dik u ma tellathiex."

Mill-atti jirrizulta illi fis-16 ta' Dicembru 1993 William Cassar Torreggiani kien gie nominat mill-Qorti Istruttorja sabiex jaghmel stima tal-karrozza Vauxhall Nova numru J-7644. Fil-fatt huwa pprezenta r-relazzjoni tieghu quddiem dik il-Qorti fl-20 ta' Dicembru 1993. Waqt il-guri ma giex prodott sabiex jixhed minhabba l-indisposizzjoni tieghu. Dik il-karrozza kienet il-karrozza li kienet inkriet lill-appellant u lil Thomas Baldacchino minn certu Joseph Falzon. Dak li sfugga lill-appellant huwa li William Cassar Torreggiani ma kienx gie nominat sabiex jaghmel stima tal-karrozza Honda Civic numru R-6839 li kienet il-karrozza li fiha nstab il-kadavru ta' Sylvia King u li stima taghha kienet relevanti ghall-finijiet tat-tielet kap u tal-hames kap ta' l-att ta' l-akkuza. Mill-banda l-ohra Costantino Balzan kien gie nominat mill-Magistrat Inkwerenti bhala espert mekkaniku sabiex jirrelata dwar il-Honda Civic R-6839. Fir-relazzjoni tieghu jiddeskrivi l-istat li fih sab din il-karrozza u kkonkluda li kienet "total loss". Ghalkemm ma tax stima tal-karrozza qabel ma nharqet, l-ewwel Qorti saqsietu kienx f'posizzjoni li jindika l-valur meta kien qieghed jixhed. Fl-indirizz l-ewwel Qorti qalet hekk b'referenza ghar-relazzjoni ta' Costantino Balzan:

"Huwa veru li fir-rapport tieghu dan l-espert ma kienx indika l-valur tal-hsara, l-ammont tal-hsara, u lanqas ma kien indika l-valur tal-karrozza. Qal biss li kienet total loss, u allura jekk niftakar sew, kont jiena li ghidtlu inti bhala espert tistax tghidilna kemm tiswa din il-karrozza, u l-

ewwel irrisponda xi haga xi tlett elef lira, u mbaghad ergajt ghamiltlu domanda ohra, ghidtlu imma inti espert tal-karrozzi tista' tghid jekk ghall-inqas kenitx tiswa izjed minn elf lira? U dana accertana li tiswa izjed minn elf lira. Jigifieri dik, sinjuri gurati, hija prova, kemm hija prova li tikkonvincikom moralment din hija kwistjoni taghkom, pero` hija prova. Dak ix-xhud ghalkemm ma kienx qal dawn il-valuri fir-rapport tieghu, xorta jibqa' espert tal-Qorti, u allura meta l-Qorti staqsietu biex jghidilna il-valur tal-hsara u hu semma' valur tal-hsara li jaqbez l-elf lira, allura dik hija prova".

Jigifieri r-relazzjoni ta' Wlliam Cassar Torreggiani ma kienet ta' ebda rilevanza ghall-finijiet taz-zewg kapi msemmija, u l-ahjar prova li setghet issir fil-fatt kienet dik permezz tax-xiehda ta' Costantino Balzan li, wara kollox, kien ezamina l-karrozza in kwistjoni u li, mir-relazzjoni tieghu stess jidher illi huwa *"Car Surveyor and Valuer"*.

Konsegwentement anke t-tielet ilment ta' l-appellant huwa michud.

## Applikazzjoni u interpretazzjoni hazina tal-ligi

L-appellant jilmenta dwar il-mod kif l-ewwel Qorti spjegat il-kuncett tad-dubbju ragjonevoli. Huwa jghid:

"illi kull dubbju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk jirrizulta dubbju dwar fatt allura dik ghandha tigi konsiderata favur l-akkuzat u mhux mehuda semplicement bhala dettal frivolu. Wara kollox kienet il-prosekuzzjoni li ghazlet li tipprova li l-appellant kien kera l-karrozza, u karrozza partikolari, biex iwettaq id-delitt, kien xtara l-petrol biex iwettaq id-delitt, kien uza petrol, li uza pistola, gabet esperti biex tidentifika l-kadavru u min ghamel id-delitt, izda minkejja dan, id-difiza uriet li hemm dubbju dwar dawn il-fatti kollha. Hareg mix-xieda ta' l-esperti li kien hemm konfuzjoni dwar il-posizzjoni tal-kadavru, l-espert tal-kimika ma ghamilx test biex jara liema accellerant intuza biex tinharaq il-karrozza, ix-xhieda li tressqu ma setghux jghidu jekk u meta l-appellant xtara petrol, ix-

xhieda li krew il-karrozza lil Thomas Baldacchino u l-appellant ma setax jghid min estenda l-kirja tal-karrozza. L-ahhar haga li l-Imhallef li ppresjeda l-guri kellu jaghmel huwa li jiehu dawn il-fatti indidvidwalment u jindikahom bhallikieku ma kinux rilevanti meta fl-assjem taghhom evidentement kien mhux biss rilevanti izda essenzjali ghat-tezi tad-difiza li l-appellant kien estraneju ghad-delitt li bih gie akkuzat. Inoltre, esperti ohra xehdu li fit-tests taghhom ma sabux fingerprints li jaqblu ma' ta' l-appellant u l-anqas ma kien hemm prova li hu uza xi arma tan-nar jew uza l-petrol – testijiet li facilment setghu saru u ma sarux. Dawn huma fatti importanti, li wara kollox jirriflettu fuq in-nuqqas tal-prosekuzzjoni li ggib provi u wiehed ma jistax jghid li dawn id-dettalji ma messhomx nisslu dubbju ragjonevoli.

Fil-fatt, tant kien hemm dubbji ragjonevoli li ma kienx hemm xhud wiehed, barra r-reo confesso komplici Baldacchino li jorbot l-appellant mad-delitt. Kollox kien jorbot mac-circumstantial evidence u zbalja l-Imhallef meta gibed ghad-dritt u dahal fir-rilevanza ta' fatti mhux fl-assjem tal-provi kollha u tat-tezi tad-difiza li l-appellant ma kellux x'jaqsam. Dawn mhux kwistjoni ta' dettalji kienu, imma sensielu ta' fatti li a bazi taghhom il-gurati, kieku gew indirizzati tajjeb kienu jaslu ghall-konkluzjoni li kien hemm dubbju ragjonevoli li l-appellant kien hati."

L-Imhallef li ppresjeda l-guri qal hekk fir-rigward tal-kuncett tad-dubbju ragjonevoli:

**"Jigifieri meta nkunu qed nitkellmu fuq dubbju ragjonevoli, sinjuri gurati, tridu toqoghdu attenti, irid ikun dubbju mela li jirrizulta mill-fatti, mill-provi, u jrid ikun dak id-dubbju li inti fl-ahhar tal-process, wara li tkun ezaminajt il-provi kollha, flimkien, tghid imma jiena ghadni minhix konvint moralment fil-kuxjenza tieghi. Hemm, dak huwa d-dubbju ragjonevoli. U allura jekk inti, intom, jibqa' fikom dan id-dubbju ragjonevoli anke jekk ikun dubbju ragjonevoli wiehed, ma hemmx ghalfejn ikun hemm hafna dubbji, ragjonevoli, anke jekk ikun hemm dubbju ragjonevoli wiehed, il-ligi tghidilkom anzi tobbligakom li f'dak il-kaz id-dubbju**

**ragjonevoli ghandu jmur favur l-akkuzat …. Allura jekk intom wara li tezaminaw il-provi kollha, jibqa' fikom dan id-dubbju ragjonevoli bil-fors dak id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-akkuzat, u f'dak il-kaz tridu tiddikjaraw li mhux hati.**

**….**

**Id-difiza hawn hekk sinjuri gurati qajmet diversi punti ta' dubbju. Qaltilkom per ezempju hemm dubbju min kera l-karrozza, hemm dubbju min xtara l-petrol, hemm dubbju jekk inxtarax petrol, hemm dubbju min kien cempel lil Falzon biex jghidlu li kien ser izomm il-karrozza ghal aktar, hemm dubbju qaltilkom id-difiza dwar il-posizzjoni tal-kadavru meta nstabet ghax xi esperti qalu li kellha idejha quddiem, iehor qal idejha wahda quddiem u l-ohra 'l isfel, kien hemm – allura qalet dawn kollha dubbji li jwasslu ghad-dubbju ragjonevoli.**

**Tridu toqoghdu attenti sinjuri gurati - ghalhekk bdejt billi ghidtilkom mhux kull dubbju, id-dubbju ma jridx ikun dubbju ta' xi fatt, ta' xi haga partikolari, li jekk intom forsi tezaminawha forsi taraw li ma ghandha ebda rilevanza, jew ma ghandha ebda importanza. Irid ikun dubbju kif gja` ghidt li fl-ahhar meta tigu biex tiddeciedi, minhabba dak id-dubbju, inti ma tistax tiddeciedi. Jigifieri – u dana bhala ezempju biss mhux bhala biex norbotkom – jekk intom taraw fuq dawn id-dubbji li semmiet id-difiza, li dawn id-dubbji, fl-ahhar mill-ahhar, ma jfissru xejn, fis-sens li minhabba fihom intom ma ghandkomx id-dubbju ragjonevoli li kien l-akkuzat li ghamel dak li huwa akkuzat bih – allura dawk id-dubbji ma jfissru xejn. Jigifieri intom tridu taraw jekk hemmx xi relevanza jew importanza, fil-kompless kollu, fit-totalita` tal-kaz kollu – jekk per ezempju min kera l-karrozza, jekk kienx Baldacchino jew jekk kienx Harrington – tridu taraw jekk hemmx importanza jew rlevanza. Min saq l-ewwel jekk kienx Baldacchino jew kienx Harrington – tridu taraw jekk hemmx relevanza u importanza. Min xtara l-petrol – tridu taraw jekk hemmx importanza u relevanza. Il-**

**posizzjoni tal-kadavru. U qed niftakar issa, kien hemm anke dubbju biex nghid hekk fuq il-kulur tal-karrozza. Meta tela' l-espert Costantino Balzan … qal li din kienet bajda ghax kien baqa' bicca abjad fuq il-parti ta' quddiem. Imbaghad jitlaghlek l-espert Vella u jghidlek li ma kienx hemm ebda tracca ta' kulur. Jigifieri ghandek zewg versjonijiet ha nghid hekk konfliggenti, pero` relevanti jekk kenitx bajda, hadra, safra, blue? Dan li qed nipprova nghidilkom jiena.**

**Id-dubbju ragjonevoli mhux id-dubbju fuq xi fatt partikolari – kenitx bajda, safra jew hadra. Li tridu taraw, li tridu taslu intom fl-ahhar, jekk l-akkuzat ghamilx dak li huwa akkuzat bih, irrispettivament ghall-kulur tal-karrozza. Pero` qed nghidilkom dan biex nurikom id-dubbju ragjonevoli, mhux kull dubbju jfisser dubbju ragjonevoli, mhux kull dubbju fuq xi fatt partikolari bil-fors ghandu jwassal ghad-dubbju ragjonevoli. Id-dubbju ragjonevoli, sinjuri gurati, taslu ghalih wara li tkunu kkunsidrajtu l-provi kollha. Mhux taqbad ma' fatt wiehed u tghid mela dubbju ragjonevoli. Trid tikkonsidra l-provi kollha, trid tikkonsidra d-dubbji li tqajmu pero` mbaghad tridu taraw jekk dawk id-dubbji, minhabba fihom intom ma tistghux tiddeciedu, dak li huwa importanti, dak li huwa l-ezercizzju, ma tridux tintilfu jigifieri fuq xi dettalji li intom imbaghad fl-apprezzament li taghmlu ma jfissru xejn dawn.**

**Il-kompitu taghkom huwa li taraw jekk l-akkuzat hux hati jekk ghamilx dawk il-fatti li l-prosekuzzjoni qed tghid li ghamel. U hemm irid ikollkom id-dubbju ragjonevoli, mhux jekk xtarax il-petrol is-Sibt jew il-Gimgha jew il-Hadd. Id-dubbju ragjonevoli jrid ikun jekk l-akkuzat ghamilx id-delitti li huwa akkuzat bihom."**

Ma hemm l-ebda formula sagra li trid tigi segwita meta l-Imhallef li jkun qieghed jippresjedi guri jigi biex jindirizza lill-gurati fuq x'inhu dubbju ragjonevoli, ossia fuq il-grad ta' prova li ghandha tilhaq il-prosekuzzjoni – *beyond reasonable doubt*:

*"The formula used in summing-up does not matter so long as it is made clear to the jury, whatever words are used, that they must not return a verdict against a defendant unless they are sure of his guilt …. It is generally sufficient and safe to direct a jury that they must be satisfied beyond reasonable doubt so that they feel sure of the defendant's guilt. Nevertheless other words will suffice, so long as the message is clear."*[1]

L-Imhallef li ppresjeda l-guri f'dan il-kaz kien korrett meta spjega lill-gurati li mhux kull dubbju ghandu jitqies bhala dak id-dubbju ragjonevoli li trid il-ligi. In effetti hemm certi fatti li jistghu jkunu rrilevanti u ghalhekk mhux kull dubbju dwar kwalunkwe fatt ghandu jitqies bhala li jnissel dubbju ragjonevoli dwar il-kolpevolezza ta' persuna akkuzata. Konsegwentement sewwa ghamel l-Imhallef li ppresjeda l-guri li attira l-attenzjoni tal-gurati ghad-distinzjoni li kellhom jaghmlu bejn fatti rilevanti u ohrajn irrilevanti, filwaqt illi enfasizzalhom illi kellhom iqisu l-provi fit-totalita` taghhom u mhux jehlu fuq dubbju dwar xi fatt li jista' jkun irrilevanti ghall-ezitu.
Ilment iehor ta' l-appellant jirrigwarda t-tifsira li l-Imhallef li ppresjeda l-guri ta dwar il-kuncett ta' "kredibilita`". L-appellant jirreferi ghas-segwenti bran fl-indirizz ta' l-ewwel Qorti:

**"il-kelma kredibbli jew kredibilita` ma tfissirx necessarjament li xhud qed jigdeb, jista' jkollok kaz per ezempju fejn xhud ikun ra, jew sema' xi fatti, u genwinament jigi hawn u jghid kif rahom jew semaghhom. Pero` mbaghad il-verita` tkun li ma jkunx gara dak li qed jghid hu. Pero` hu genwinament, dan bhal meta wiehed jghidlek, jiena dik il-karrozza safra kienet tafx, imbaghad jigi l-iehor jghidlek le dik mhux safra, dika per ezempju hadra cara …. Ghalhekk qed nghidilkom il-kredibilita` ma tfissirx gideb."**

Imbaghad l-appellant jikkummenta hekk fir-rikors ta' appell tieghu:

[1] Ara, per ezempju, *Hepworth* [1955] 2 QB 600, 603 (CA).

"Izda wkoll, bir-rispett kollu, aspett importanti ta' kredibilita` huwa jekk ix-xhud ikun qed jghid il-verita` jew le, jigifieri hux veritjer, hux attendibbli f'dak li qed jghid. Il-kwistjoni jekk xhud genwinament jiehu zball, hija aspett marginalment rilevanti imma certament mhux il-fattur li fuqu tigi stabbilita il-kredibilita`. Anzi l-esponent jissottometti li minkejja wiehed jiehu zball genwin, xorta wahda li jista' jkun meqjus kredibbli. Element essenzjali ta' kredibilita` o meno ghandha tkun il-verita` u b'hekk iva jekk xhud jigdeb, dan mhux kredibbli u m'ghandux jigi emnut."

Minn ezami ta' l-indirizz jirrizulta illi l-ewwel Qorti, wara li ghamlet il-premessa dwar illi "kredibilita` ma tfissirx necessarjament li xhud qed jigdeb", tat ezempju ta' xhud li huwa *colour blind* u jixhed li "hadra kienet dik, pero` fil-fatt hija kannella jew blue ma nafx" u saqsiet "allura dak li huwa *colour blind* mhux kredibbli, qed jigdeb? Jekk huwa veru qed jaraha hadra?" Dik il-Qorti mbaghad kompliet biex tispjega lill-gurati kif kellhom iqisu jekk xhud kienx kredibbli jew le (b'referenza ovvja ghall-artikolu 637 tal-Kap. 9):

**"U l-ligi, sinjuri gurati, tghidilkom li meta tigu biex taraw mela jekk xhud hux kredibbli jew le tridu taghmlu certu ezercizzju, issemmilkom certu guidelines, kriterji. Pero` tghidilkom ukoll li dawn il-guidelines ma humiex il-lista kompluta, huma guidelines, imbaghad thalli f'idejkom li tuzaw mohhkom, u taraw jekk xhud hux kredibbli jew le. Tghidilkom per ezempju l-ligi, biex taraw jekk xhud hux kredibbli jew le fl-apprezzament tieghu, taraw x'interess ghandu li qed jixhed b'certu mod. Taraw per ezempju l-komportament tieghu, kif igib ruhu waqt li qed jixed, fil-karattru tieghu, il-mod kif jirrispondi, fuq xi domandi, jekk hux qed ikun evaziv, jipprova jahrab. Taraw per ezempju jekk f'dak li qed jghid xhud ghandux mis-sewwa. Tghidu ehhe dan li qed jghid iva mis-sewwa hekk hu, jekk hux verosimili, jigifieri. Taraw jekk hux konsistenti mieghu nnifsu, jekk hux per ezempju daqqa jghid haga u daqqa jghid ohra,**

**jekk hux konsistenti. Jew taraw, tghidilkom il-ligi, jekk hemmx xi provi jew cirkostanzi ohra li jikkontraducu dak li qed jghid ix-xhud.**

**Dawn huma ftit ezempji, sinjuri gurati, pero` nista' nghidilkom il-ligi thallikom liberi tuzaw intom mohhkom, u taraw intom xhud sa fejn iwassalkom. Il-ligi qed tghidilkom apprezzawh ix-xhud kif jidhrilkom intom, aslu ghal konkluzjoni taghkom x'sejrin temmnu minn dak li qal ix-xhud. Tistghu temmnuh f'kollox, li jghid, tistghu ma temmnuh f'xejn minn dak li jghid, tistghu temmnu bicca minn li jghid u tistghu ma temmnu xejn mill-bqija li jghid."**

F'dan kollu li qalet l-ewwel Qorti din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura. L-ispjegazzjoni u direttivi li tat lill-gurati kienu cari u korretti u ghalhekk dan l-ilment huwa michud.

L-appellant jilmenta wkoll dwar dak li qal l-Imhallef li ppresjeda l-guri dwar xiehda li tinghata wara t-trapass taz-zmien u l-kontroll ta' dik ix-xiehda bix-xiehda li tkun inghatat fil-process verbal jew waqt il-kumpilazzjoni. Huwa jirreferi specifikatament ghas-segwenti bran:

**"anke f'dan il-kaz tallum, ikun hemm kazijiet fejn xhud jigi hawn, u ghaliex ikunu ghaddew certu numru ta' snin facilment jinsa xi affarijiet, u allura l-ligi tippermetti li f'dawk il-kazijiet, meta dak ix-xhud ikun diga` xehed snin qabel, quddiem il-magistrat u hawn hekk ma jkunx jista' jiftakar certi affarijiet, il-ligi tippermetti illi tinqralu x-xiehda li jkun ta dak inhar, qabel – u jekk jikkonferma dik ix-xiehda hawn hekk quddiemkom, sinjuri gurati, dik tfisser daqs li kieku qed jaghti x-xiehda mill-gdid.**

**Jigifieri, ghandkom tehduha wkoll bhala prova. U l-ligi tghidilkom anke jekk xhud jigi hawn hekk, u jghid xi affarijiet li forsi jkunu differenti minn dak li jkun qal qabel – imbaghad araw intom liema verzjoni sejrin temmnu, jigifieri, intom liberi temmnu x-xhud f'dak li jkun qal hawn – jew ma temmnuhx – temmnu dak li jkun qal qabel, jew tistghu per ezempju temmnu bicca**

**minn dak li jkun qal qabel u bicca minn dak li jkun qal hawn. Jigifieri mhux necessarjament toqoghdu fuq xiehda li jkun qal hawn hekk biss, araw intom liema verzjoni ta' xiehda sejrin taccettaw."**

L-appellant jghid li Thomas Baldacchino ma kienx xhud kredibbli peress illi huwa inverosimili illi xhud li jigi kkundannat erbatax-il sena prigunerija fuq dan l-istess kaz u fuq l-istess akkuzi ma jiftakar xejn. Huwa jerga' jtenni li l-qari tat-test shih ta' l-istqarrija ta' Thomas Baldacchino bhala kontroll huwa rregolari u dan gie aggravat bil-gustifikazzjoni li nghatat fl-indirizz. L-appellant isostni li l-gurati kellhom jigu indirizzati biex jaraw u jezaminaw it-tezi tad-difiza jekk il-fatt li xhud principali tal-prosekuzzjoni jkollu amnezija hekk profonda ghandux jitwemmen f'dak li jghid.

Aktar qabel f'din is-sentenza din il-Qorti diga` qalet illi l-procedura li ntuzat quddiem l-ewwel Qorti fic-cirkostanzi msemmija ma kenitx irregolari. Barra minn hekk huwa evidenti mit-tieni paragrafu tal-bran li l-appellant stess iccita illi l-ewwel Qorti halliet, kif kellha taghmel, lill-gurati liberi jemmnux jew le lil Thomas Baldacchino, u ghalhekk ma kellhiex ghalfejn issemmi specifikatament l-argument imsemmi mid-difiza. Kif intqal minn Lord Alverstone, C.J. f'in re R. v. Stoddart (1909) 2 Cr.App.R. 217 (**Archbold, Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2003**, para. 7-53 p. 936): ***"This Court does not sit to consider whether this or that phrase was the best that might have been chosen, or whether a direction which has been attacked might have been fuller or more conveniently expressed, or whether other topics which might have been dealt with on other occasions should be introduced."*** U kif tghid Rosemary Pattenden fil-ktieb taghha **Judicial Discretion and Criminal Litigation** (OUP 1990) f'pagni 178 – 180: ***"The judge must put the 'substance' of the defence, however weak, save where the accused has failed to discharge an evidential burden. '[T]hat does not mean to say he is to piant in the details or to comment on every argument which has been used or to remind them of the whole of the evidence which has been given …'***

***(per Goddard LCJ, Clayton-Wright (1948) 33 Cr App R 22 p. 29).”***

Dan l-ilment b’hekk huwa michud ukoll.

Ilment iehor ta’ l-appellant huwa fis-sens illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri naqas milli jindirizza lill-gurati bizzejjed dwar x’jirrendi stqarrija invalida u jghid li dak li qal kien totalment zbaljat. Jghid li meta xehed Thomas Baldacchino, fuq mistoqsija tad-difiza qal li fehem li l-weghda li l-Pulizija tawh kienet li jekk jaghtihom storja hu kellu jircievi ghajnuna fil-kaz li se jkollu. Ghalhekk, isostni l-appellant, l-Imhallef li ppresjeda l-guri jmissu l-ewwel idderiega lill-gurati sabiex jaraw jekk l-istqarrija li ta Thomas Baldacchino kenitx nulla stante illi nghata weghda ta’ vantagg, haga li xehed lill-Magistrat Inkwerenti li ma rceviex. Barra minn hekk, fix-xiehda li ta fil-guri ta’ l-appellant, Baldacchino qal car u tond li kien terrorizzat waqt l-interrogazzjoni u qal ukoll illi Pulizija li ma jiftakarx min huma weghduh li jghinuh. Skond l-appellant dan il-fatt jannulla stqarrija u l-weghda ta’ vantagg kienet specifika ghaliex weghduh li jghinuh u fil-fatt xehed ukoll li malli qalulu hekk hu strah daqsxejn u fuq kollox kien biss wara dan il-fatt li ta l-istorja li fiha mplika lill-appellant fil-qtil ta’ Sylvia King.

Dwar dak li jannulla stqarrija, l-Imhallef li ppresjeda l-guri qal hekk:

**“Li jiena llum naghmel xi haga – delitt, jew reat, hu x’inhu – imbaghad ninqabad, inkun suspettat, u ghada nsib ruhi d-Depot qed nigi interrogat hija haga naturali li nhossni mbezza’ li dak il-mument jiena nibda nibza’, imma qed nibza’ ghaliex naf li jiena ghamilt xi haga u qed nigi investigat, mhux ghax qed ibezzghuni l-Pulizija. Jigifieri meta l-ligi, hawn hekk qed titkellem fuq biza’, din il-biza’ trid tkun dovuta minn xi haga li jkunu qed jaghmlu l-Pulizija dak il-hin, Mhux ghax jiena c-cirkostanzi hekk irrendewni – dan mhux kulhadd jirreagixxi l-istess – ghandek bniedem li veru jhossu imwerwer u mbezza’ jidhol quddiem il-Pulizija, imbaghad ghandek nies li ghalihom qed**

**imorru jaghmlu stqarrija qisu xejn ma hu xejn, kalmi, kwieti, ma taffettwahomx, ghalhekk mela l-ligi tirrikjedi certu tip ta' biza'.**

**Imbaghad hemm element iehor li jirrendi stqarrija invalida, l-element tal-promessa ta' vantagg. U meta nghidu promessa ta' vantagg, irid ikun vantagg reali, sostanzjali, bhal per ezempju, l-Ispettur qed jinterrogani lili u jghidli isma' ahjar titkellem ghax jekk inti titkellem mhux ser niehdu passi kontrik. Dik iva, dik hija promessa ta' vantagg. Jigifieri jiena naf x'vantagg ser niehu, jiena naf x'gwadann ser niehu, mela jaqbilli nitkellem, ma jehdux passi kontrija. Dik trid tkun il-promessa, il-weghda ta' vantagg, ta' ghajnuna. Billi tintuza l-kelma per ezempju li hafna juzaw kemm-il darba l-Pulizija 'ikkoopera' – 'ghin lilek innifsek' – dawn huma promessi vagi. X'inti twieghed? Xejn. Billi tghidlu bniedem, ghin, ghajnuna – x'ghajnuna? X'ser niggwadanja jiena? Jigifieri l-promessa, il-weghda ta' xi ghajnuna, jew vantagg, dik l-ghajnuna, dak il-vantagg, irid ikun vantagg sostanzjali jew reali. Kliem vag bhal 'ikkoopera', 'nghinuk'', dak ma jwassalx sabiex stqarrija tkun invalida, sinjuri gurati. Din qed insemmiha peress li anke mid-difiza tqajmet din il-kwistjoni tal-ghajnuna lil Baldacchino – pero` mbaghad araw intom, li qed nghid jiena mhux bil-fors jorbotkom. Jekk intom taraw illi b'dak li qal Baldacchino li l-Pulizija, skond ma qalet id-difiza, weghditu ghajnuna – araw intom x'tip ta' ghajnuna kienet din – pero` hu stess qal hawn hekk ma nafx x'kienet u ghadni sallum nistenniha ma nafx x'inhija. Jigifieri mela araw jekk kenitx xi ghajnuna, xi weghda ta' xi ghajnuna sostanzjali u reali. Jekk intom imbaghad taraw li hekk kienet, allura ohorgu bid-decizjoni taghkom fuq l-istqarrija ta' Baldacchino, jekk le allura ddeciedu mod iehor."**

Minn hawn jirrizulta illi ghalkemm l-Imhallef li ppresjeda l-guri ta l-fehma tieghu dwar kif tista' tigi inficjata stqarrija, fl-istess hin halla ghal kollox f'idejn il-gurati biex jiddeciedu jekk dik l-istqarrija kellhiex titqies invalida jew le. U minn dak li din il-Qorti rat u semghet, u b'mod partikolari x-

xiehda ta' Thomas Baldacchino stess, hija tal-fehma li l-imsemmija stqarrija m'ghandhiex titqies invalida.

Tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li ntqal fl-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Cardona** deciz fit-18 ta' Lulju 2003 f'dan ir-rigward dwar il-validita` ta' stqarrija:

**"Il-fatt li persuna thossha bezghana jew imwerwra fil-kors ta' interrogatorju <u>kondott b'mod regolari</u> (1) minhabba l-fatt li tigi rinfaccjata bi provi (jew allegazzjonijiet) li jkunu juru (jew li jkunu jaghtuha x'tifhem) li l-pulizija tkun taf kif verament graw l-affarijiet, jew (2) semplicement ghax iddahhalha f'rasha (bla ebda raguni valida) li ser taqla' xeba' jekk ma tghidx certu affarijiet ma jgibx, bhala konsegwenza fil-ligi taghna, li dik l-istqarrija jew konfessjoni tkun involontarja. Il-qrati taghna dejjem irritjenew li biex konfessjoni titqies bhala involontarja (u ghalhekk inammissibbli) irid ikun hemm, bhala regola, <u>ness ta' kawza u effett</u> bejn minn naha l-agir tal-persuna f'awtorita` (il-persuna li tkun qed tinterroga) li tghid jew taghmel xi haga <u>intiza biex</u> thedded jew tbezza', jew biex twieghed jew twebbel, jew li <u>ragonevolment tammonta ghal minacca jew ghal promessa ta' vantagg</u>, u min-naha l-ohra dak li l-persuna interrogata tkun ammettiet."**

Thomas Baldacchino xehed illi meta bdew ikellmuh il-Pulizija kien itterrorizzat izda meta qalulu li jghinuh hassu daqsxejn ahjar. Pero` l-istess Baldacchino xehed li huwa ma bezax mill-Pulizija ghax heddewh izda beza' mic-cirkostanzi, u cioe` li kien arrestat u kulhadd isaqsieh mistoqsijiet. Ma tirrizulta l-ebda allegazzjoni li l-interrogazzjoni giet kondotta b'mod irregolari. Kwantu ghall-ghajnuna, Baldacchino qal li sal-gurnata li kien qieghed jixhed quddiem il-Qorti Kriminali kien ghadu ma jafx x'ghajnuna kien ser jinghata. Ikkonferma wkoll li hadd ma weghdu li mhux se jiehdu passi kontra tieghu. Din il-Qorti tosserva li anke kieku l-appellant qal xi haga lill-ufficjali tal-Pulizija li proprjament ma riedx jghidha (jew ghax hassu imbezza' jew ghax ma kenitx il-verita` jew

ghax qalha minhabba promessa ta’ vantagg), kellu kull opportunita` li jirregola l-posizzjoni tieghu meta xehed quddiem il-Magistrat Inkwerenti fis-6 ta’ April 1993 meta rega’ nghata t-twissija, din id-darba mill-Magistrat. Hemm huwa kkonferma bil-gurament il-veracita` tat-tieni stqarrija li kien ghamel quddiem il-Kummissarju tal-Pulizija u quddiem is-Supretendent Joseph Cachia filwaqt illi ghamel xi korrezzjonijiet u wiegeb ghal diversi domandi li sarulu. Kellu l-opportunita` jaghmel hekk ukoll meta xehed aktar minn seba’ snin wara fil-5 ta’ Lulju 2000 waqt il-guri ta’ l-appellant, u cioe` fejn rega’ kkonferma bil-gurament tieghu dawk il-partijiet <u>tax-xiehda guramentata</u> li kien ta quddiem il-Magistrat Inkwerenti u wiegeb ghal diversi mistoqsijiet li sarulu in kontro-ezami u anke mill-Imhallef li kien qieghed jippresjedi l-guri, u fejn ghal darb’ohra stqarr li kien qal il-verita`.

Naturalment, billi Thomas Baldacchino kien komplici ta’ l-appellant, ix-xiehda tieghu tehtieg korroborazzjoni u, kuntrarjament ghal dak li gie sottomess verbalment mid-difensur ta’ l-appellant, l-Imhallef li ppresjeda l-guri enfasizza diversi drabi l-htiega li tali xiehda tigi korroborata – ara Tape 39A p. 25 – 27 ta’ l-indirizz.

Konsegwentement dan l-ilment huwa respint.

L-ahhar ilment ta’ l-appellant jirrigwarda dak li jsejjah nuqqas ta’ l-Imhallef li ppresjeda l-guri meta ghamel osservazzjoni li d-difiza donnha mplikat li ghaliex Sylvia King kienet tohrog mal-hbieb Paceville allura kien hemm xi gustifikazzjoni li tinqatel. L-appellant jinsisti li bl-ebda mod ma ghamel difiza ta’ din ix-xorti u anzi kienet il-prosekuzzjoni li riedet tistabilixxi l-*lifestyle* ta’ Sylvia King u Monica Harrington u dak li ghamlet id-difiza kienet semplici kontro-ezami. Hawn hekk ukoll, jissokta l-appellant, hareg dubbju fuq it-tip ta’ hbiberija li kellhom Sylvia King u Monica Harrington – xi membri tal-familja qalu li Sylvia King kienet semplicement tghin lil Monica Harrington, xi hbieb ohra qalu li kien hemm rabta; l-Imhallef pero` ndirizza lill-gurati bhallikieku kienet id-difiza li kienet qed tipprova tizgwidahom.

Dak li qal l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien precizament is-segwenti:

**“Jidhirli li f’hin minnhom, meta kien qed jittratta in linea difensjonali, l-avukat difensur, anke bid-domandi li beda jaghmel lil xi xhieda, semma’ u kien hemm certu enfasi fuq it-tip ta’ relazzjoni li kien hemm bejn din Sylvia King u Mona Harrington, mart l-akkuzat. U jekk niftakar sew qalilna, qalilkom li tant kienet bniedma li thobb tigri, u dan, li dik inhar stess, lejliet li mietet, meta cempel ir-ragel taghha fil-hamsa ta’ wara nofs in-nhar, din qaltlu li ghajjiena li ma kenitx ser tohrog, mentri fil-fatt irrizulta li dik inhar harget u baqghet barra sa xis-saghtejn ta’ filghodu, tigri minn bar ghal bar f’Paceville u San Giljan.**

**Issa apparti jekk hux veru li harget u ghamlet x’ghamlet – ghax dak huwa apprezzament fil-fatt, u intom tridu taraw jekk huwa relevanti … li rrid nghid biss jiena, sinjuri gurati, hawn hekk, u dana ghall-grazzja ta’ l-argument, anke kieku stess din il-persuna kienet dak li qed jghid l-avukat difensur, anke kieku stess din kienet bniedma li ma jimpurtaha minn xejn, kienet l-aghar bniedma li tezisti, kellha d-difetti kollha tad-dinja, xorta hija bniedma, xorta hija persuna, u bhal kwalunkwe persuna ohra, ghandha d-dritt ghall-hajja.**

**Il-ligi ma tghidlekx bniedem ghax huwa kriminali oqtlu, jew inti gustifikat li toqtlu u bniedem li huwa qaddis daka – ghal-ligi kulhadd l-istess u hadd ma ghandu d-dritt fuq il-hajja ta’ haddiehor. Minhix qed nghid b’daqshekk, li hemm xi htija, biex tifhmuni car – li qed nghid biss huwa illi l-karattru, x’tip ta’ bniedma kienet, kif kienet thobb tiddeverti, x’hbiberija kellha ma’ nies ohra, dik ma hix in diskussjoni hawn hekk, sinjuri gurati, m’intomx qeghdin hawn hekk intom biex tghaddu gudizzju fuq Sylvia King, biex taraw x’tip ta’ bniedma kienet. X’tip ta’ relazzjoni kellha ma’ Mona Harrington. Dak mhuwiex fil-kompitu taghkom, nerga’ nghid, anke l-aqwa kriminali, anke l-aghar bniedem,**

**ukoll ghandu d-dritt ghall-hajja u hadd ma ghandu d-dritt li jehodhielu.**

**... il-ligi mkien ma tghidlek li bniedem jista' joqtol lil haddiehor ghax dak il-haddiehor huwa kriminal, jew ghax dak il-haddiehor ihobb jiggerra, jew ghax dak il-haddiehor huwa kiesah. Dawk mhumiex cirkostanzi li l-ligi tippermetti lil haddiehor joqtlu, ghax kien ikollna hafna delitti – Alla hares. Jigifieri sabiex qtil volontarju jkun jew mhux delitt, jew huwa skuzabbli, irid ikun hemm certu cirkostanzi. U l-karattru tal-bniedem hu x'inhu, jghix kif jghix, sinjur, fqir, huwa kollu rrilevanti, ma intomx hawn biex tghaddu gudizzju fuq karattru ta' persuna. Il-gudizzju li ghandkom tghaddu intom huwa biss fuq l-akkuzat, jekk ghamilx ir-reati li huwa akkuzat bihom."**

Frankament din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura f'din il-parti ta' l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri. Jekk id-difiza kienet ghamlet enfasi fuq il-karattru ta' Sylvia King, ossia harget il-karattru taghha aktar in evidenza bil-mistoqsijiet li ghamlet, l-ewwel Qorti kienet certament gustifikata illi taghmel l-osservazzjonijiet li hija ghamlet u li gew hawn riprodotti.

## Nuqqas ta' provi li jwasslu ghall-htija

L-appellant isostni li ma kienx hemm provi sufficjenti biex gurija ragjonevoli tasal ghal konkluzjoni ta' htija oltre d-dubbju ragjonevoli. Huwa jissottometti:

"(a) Numru ta' xhieda raw l-allegat sekwestru f'Marsascala, izda hadd ma identifika anki remotament lill-appellant. Il-prosekuzzjoni ressqet tliet zghazagh li kienu jilaghbu l-football fil-vicinanzi, taxi driver li mar ftit centimetri 'l boghod mill-karrozza sekwestrata u mara li rat l-incidenti mill-karrozza taghha u hadd minnhom ma setghu jidentifikaw lill-persuni involuti.

(b) Il-fatt li l-appellant kellu xi incidenti ma' persuni li ssuspetta li kellhom relazzjoni mal-mara tieghu Monica Harrington, u mal-familja ta' Sylvia King minhabba ndhil fiz-zwieg ta' l-appellant, ma jikkostitwix mottiv jew prova li l-appellant kien ikkommetta d-delitt. Dan jipprova li kien hemm problemi bejn il-konjugi Harrington, bhal m'hemm f'kazijiet ohra ta' inkwiet familjari u barra minn hekk incidenti zghar bhal dawn huma komuni f'kazijiet ta' separazzjoni.

(c) M'hemm l-ebda provi forensici li jaghmlu konnessjoni diretta ta' l-appellant mad-delitt. Il-provi forensici huma nieqsa u juru nuqqasijiet kbar, bhal per ezempju l-espert tal-kimika ma ghamilx tests biex jigi stabbilit l-accelerant li ntuza u ma giex stabilit x'gara mill-petrol li kien hemm fil-karrozza. Mit-tests tas-swabs u mit-tests ta' gunshot residue hargu kollha fin-negattiv. L-espert tax-xaghar kkonstata biss il-grupp tax-xaghar u ma setax jidentifika l-persuna minn fejn gejja x-xaghar. Fuq dan l-aspett fondamentali ghat-tezi tad-difiza, l-appellant jirriserva li jidhol fid-dettal waqt it-trattazzjoni u li jekk hemm bzonn anki jaghmel nota dettaljata.

(d) Ix-xhud Thomas Baldacchino huwa xhud li oggettivament mhux kredibbli stante illi l-ewwel haga li xehed hi li ma jiftakar assolutament xejn dwar il-kaz, u dan wara li huwa kien ghadu kemm gie kkundannat 14-il sena prigunerija fuq dan id-delitt. Barra minn hekk ammetta li l-Pulizija fl-interrogazzjoni tieghu weghduh ghajnuna taghhom fil-kaz tieghu, basta jaghtihom storja dwar kif gara l-kaz u jghid li l-appellant kien involut fil-kaz.

(e) Illi l-istorja ta' Thomas Baldacchino ma taghmilx sens, bhal meta jghid li haseb li kienu se jisirqu d-dar ta' Sylvia King, meta skond hu dam gimgha josserva l-hanut Lemon & Lime. Qal ukoll li ma jiftakarx jekk kienx jaf dak iz-zmien fejn kienet id-dar ta' Sylvia King, izda jghid ukoll li meta allegatament xi kultant kien qed isuq hu l-ewwel u xi kultant l-appellant."

Hawn qeghdin fil-kamp ta' l-apprezzament tal-provi, u kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza

ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[2].

Minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f'dan is-sens mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi u li jaraw jekk jaghtux affidament lix-xiehda ta’ Thomas Baldacchino u jekk kienx hemm cirkostanzi korroboranti dik ix-xiehda. Evidentement il-gurati, li kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha, qiesu x-xiehda ta’ Baldacchino kredibbli u sufficjentement korroborata u waslu ghall-konkluzjoni li l-appellant kellu jinstab hati ta’ l-akkuzi dedotti kontra tieghu.
Din il-Qorti, wara li ezaminat b'mod approfondit il-provi kollha kompilati, sejra taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

[2] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

1. Il-gurati, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li ngab a konjizzjoni taghhom tul il-guri, wara ezami u kontro-ezami tax-xhieda, wara li l-gurati kellhom l-opportunita` li huma stess jaghmlu mistoqsijiet lix-xhieda u li jqisu "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semghu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, u wara li gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, ikkonkludew li l-appellant huwa hati ta’ l-akkuzi dedotti kontra tieghu.

2. Bhala fatt jirrizulta li fit-3 ta’ April 1993 instabet fil-Kuncizzjoni Honda bajda R-6839 mahruqa u go fiha kien hemm il-kadavru mahruq ta’ Sylvia King. Skond ir-rapport ta’ l-awtopsja din il-mara kienet hajja waqt in-nar u mietet fin-nar. Hija kienet inhatfet fil-By-Pass ta’ Wied il-Ghajn waqt li kienet qed issuq l-imsemmija karrozza billi twaqqfet minn tnejn min-nies li kienu qed juzaw karrozza Vauxhall Nova J-7644 li izda kellha fuqa *number plates* foloz bin-numru B-5001.

3. Fil-Honda nstabu n-*number plates* imsemmija B-5001 li rrizulta kienu nsterqu minn fuq Fiat 126 fit-30 ta’ Marzu 1993 meta kienet ipparkjata M’Scala hdejn il-Jerma.

4. L-appellant, kif kellu dritt li jaghmel, ma xehedx waqt il-guri, u fl-istqarrija li ghamel lill-Pulizija, ghal kull mistoqsija li saritlu wiegeb li “jirrispondi l-avukat”.

5. Wiehed mix-xhieda principali tal-prosekuzzjoni kien Thomas Baldacchino li kien originarjament tressaq flimkien ma’ l-appellant bl-istess akkuzi, izda li l-guri tieghu sar separatament minn dak ta’ l-appellant u ghalhekk gie prodott mill-prosekuzzjoni bhala xhud taghha.

6. Thomas Baldacchino kien ghamel stqarrija dettaljata lill-Pulizija izda imbaghad xehed quddiem il-Magistrat Inkwerenti fejn ikkonferma dik l-istqarrija, ghamel xi

korrezzjonijiet u kjarifiki u rega' xehed waqt il-guri ta' l-appellant fejn ikkonferma mill-gdid l-istqarrija guramentata tieghu u wiegeb ghall-mistoqsijiet kollha li sarulu. F'din ix-xiehda jimplika lill-appellant bhala l-idejatur ta' dak kollu li sehh. Naturalment, ix-xiehda tieghu tqieset korrettement bhala dik ta' komplici li tehtieg korroborazzjoni (artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali).

7. Bhalma ntqal fl-Appell Kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Joseph Farrugia* deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta' Dicembru 1998 u citat b'approvazzjoni fl-Appell Kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Charles sive Charlot Cutajar* deciz fis-17 ta' Dicembru 2004:

*"Il-ligi trid li sabiex xiehda ta' komplici jkollha valur probatorju, din, per necessita`, trid tkun korroborata sufficjentement minn provi indipendenti f'cirkostanzi materjali li jwasslu mhux biss ghall-veracita` tal-verzjoni ta' dik ix-xiehda fl-aspetti sostanzjali taghha, izda li permezz ta' din il-korroborazzjoni tigi stabbilita 'nexus criminis' bejn din il-verzjoni u l-akkuzat. Trid tkun korroborazzjoni li twassal, bla dubju dettat mir-raguni, ghall-konvinciment morali li l-attivita` kriminuza allegata [mill-komplici] verament giet imwettqa mill-akkuzat".*

8. Fil-fehma ta' din il-Qorti, minbarra li d-dettalji li ta Baldacchino dwar il-modalita` ta' l-esekuzzjoni tad-delitti taht ezami gew sostanzjati mill-investigazzjonijiet li saru, hemm bosta provi indizjarji li jikkorroboraw dak li qal Baldacchino dwar l-involviment ta' l-appellant:

a) Qeghdin jigu sottolinejati l-ewwelnett zewg punti li semma' Thomas Baldacchino illi ma gewx kontradetti: Baldacchino jghid li l-appellant ("Joe t-Tintin") kien qallu, xi hmistax-il gurnata qabel id-data li fiha kien qieghed jaghmel l-istqarrija, li "ried jisraq lil din Sylvia u ried anke joqtolha" u saqsieh jekk riedx imur mieghu; huwa accetta ghax emmen li l-appellant ried jisraqha ("furto") u ma emminx li ried joqtolha. Il-punt l-iehor hu li wara li sehh kollox, l-appellant qallu *"Mur u jekk jarrestawk il-Pulizija, ghidilhom, jirrispondikom l-avukat"* – dan hu sinifikattiv

peress illi hija t-twegiba illi l-appellant fil-fatt ta ghall-mistoqsijiet kollha li sarulu mill-Pulizija.

b) Is-Supretendent Lawrence Cauchi xehed illi meta l-Magistrat Inkwerenti acceda fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, ghamel xi hin jitkellem ma’ l-appellant wahdu. Meta l-Magistrat Inkwerenti sejjah lix-xhud u lis-Supretendent Joseph Cachia biex jidhlu, qalilhom li l-appellant kien ser ikellem lill-Avukat tieghu u jerga’ jigi u jikkollabora. Skond dan ix-xhud, hawn il-Magistrat staqsa lill-appellant jekk kellux permess li jghidilhom xi haga u l-appellant wiegeb fl-affermattiv permezz ta’ sinjal b’rasu. Il-Magistrat Inkwerenti qalilhom li l-appellant ma xtaqx li Baldacchino jehel daqsu ghax kien hemm xi affarijiet li Baldacchino ma kienx jaf bihom. Ix-xhud qal li kemm hu kif ukoll is-Supretendent Cachia qalu lill-Magistrat li huma ma setghux jikkummentaw fuq dan peress li sa dak il-hin kellhom biss verzjoni wahda, dik ta’ Baldacchino. Dak il-hin, kompla jghid ix-xhud, il-Magistrat Inkwerenti qal lill-appellant: *“You are in big shit”* u l-appellant wiegeb *“Iva, I am in big shit”* u *“Din ma kellhiex tasal s’hawn”*. L-appellant twassal id-dar fis-2.00 a.m. F’xil-5.00 a.m. gie riarrestat, u fil-5.30 a.m. kellmuh mill-gdid ix-xhud u s-Supretendent Cachia u l-appellant, mistoqsi kellux xi verzjoni x’jaghtihom, wiegeb li qieghed mgharraq bizzejjed u ma riedx jinkrimina ruhu aktar. Qalilhom ukoll li ma kienx ikkuntattja l-Avukat tieghu.

c) Is-Supretendent Joseph Cachia bazikament ikkonferma dak li xehed is-Supretendent Lawrence Cauchi.

d) Fil-process verbal il-Magistrat Inkwerenti qal testwalment hekk:

*“Il-Magistrat Inkwerenti jirrileva illi fl-andament ta’ l-investigazzjoni, wara illi s-suspettat Joseph Harrington ghazel illi ma jixhidx bil-gurament, kellem lill-istess Harrington.*

*Din il-konversazzjoni kienet wahda generika hafna u fiha s-suspettat Harrington m’ammettiex illi huwa kien l-awtur*

*tad-delitt illi dak il-hin kien qieghed jigi nvestigat, izda illi kien ghadu kemm hareg mill-habs u kien diga` jinstab f'inkwiet kbir.*

*Huwa wera x-xewqa illi l-habib tieghu Thomas Baldacchino ma jihux piena qawwija ta' dak li gara."*

d) Joseph Falzon kera l-Vauxhall Nova J-7644 lill-appellant u lil Baldacchino. Huwa qal li [it-Tnejn] 29 ta' Marzu 1993 kienu marru flimkien ghandu biex jikru karrozza. Il-karrozza talabhielu l-appellant izda meta x-xhud talbu l-licenzja tas-sewqan, wiegbu li ma kellux fuqu u minflok tah l-licenzja tieghu Baldacchino. Qalulu li sejrin jirritornaw il-karrozza dakinhar stess f'xid-9.00 p.m. izda sal-10.00 p.m. kienu ghadhom ma rritornawhiex. Pero` wara nfurmah missieru li kien cempel xi hadd minnhom u qallu li kienu sejrin izommu l-karrozza sal-Gimgha – dan gie kkonfermat minn Carmelo Falzon. Kif diga` nghad din il-karrozza ntuzat waqt il-htif ta' Sylvia King b'dan illi n-*number plates* kienu mibdula ma' dawk li nsterqu minn fuq il-Fiat 126 (B-5001).

e) Martin Vella kien ghaddej bit-taxi tieghu Mercedes sewda fil-hin li kien qieghed isir il-htif ta' Sylvia King. Huwa haseb li kienu zewg karrozzi mahbutin u waqaf biex jara x'gara izda nnota xi nies ipogguha fil-Honda b'dak li dehrlu kien tape ma' wiccha. Wiehed mill-persuni ghamel sinjal biex jibqa' ghaddej. Huwa nnota li n-*number plate* ta' karrozza hamra Opel jew Vauxhall jew Astra kien igib in-numru "5001".

f) Thomas Baldacchino qal illi meta l-appellant mar ghalih is-Sibt filghodu, dakinhar tad-delitt, qallu biex jaghtu petrol lill-karrozza u jixtru landa petrol. Baldacchino qal li d-dar kellu kontenitur tal-plastik li qabel kien fih xi sapun tal-hasil u fil-fatt imlewh bil-petrol. Huwa minnu li mir-rapport ta' Dr. Anthony Abela Medici jirrizulta li minn ezami ta' swabs li ttiehdu lill-appellant u lil Thomas Baldacchino ghal xi residwi ta' fuels bhal petrol, diesel jew hydrocarbons ohra ma nstabitx evidenza ta' fuels. Fl-istess rapport pero` gie ndikat li dan jikkonferma dak li qal Thomas Baldacchino li kemm hu kif ukoll l-appellant

inhaslu sew wara l-qtil ta’ Sylvia King u wara gabru hwejjighom u marru jaharquhom. Barra minn hekk pero`, mir-rapport ta’ l-espert forensiku Dr. Alfred Vella jirrizulta li n-nar fil-karrozza ta’ Sylvia King x’aktarx inbeda bl-uzu ta’ accelerant.

g) Anthony Magri, li jahdem fil-Lourdes Service Station ta’ Haz-Zabbar, qal li l-gurnata tas-Sibt (dakinhar tad-delitt) hemm cans kbir li huwa ta l-petrol lill-appellant izda mhuwiex mija fil-mija cert. Pero` disgha u disghin fil-mija ta petrol lill-appellant go jerry-can tal-plastik li l-appellant ha mieghu.

h) Thomas Baldacchino kien indika lill-Pulizija post accessibbli minn Girdle Road, Zabbar fejn qal li rmew diversi oggetti Fil-fatt minn taht il-karkassa ta’ Triumph Herald gie elevat basket abjad li go fih kien hemm, fost affarijiet ohra, zewg barnuziet li Thomas Baldacchino qal li kien gabhom l-appellant biex jghattu wicchom izda li fil-fatt ma uzawhomx waqt il-htif ta’ Sylvia King. Minn ezami ta’ xaghar li kien hemm f’dawn iz-zewg barnuziet li ghamel Dr. Manfred Wittig, Direttur Xjentifiku fil-laboratorju tax-xjenza forensika Bundeskriminalamt f’Wiesbaden, pero`, nstabu zewg xaghriet elevati minn go barnuza wahda li kienu jaqblu ma’ dawk ta’ l-appellant.

i) Patrick King xehed li martu kienet habiba ta’ Monica Harrington, mart l-appellant. Qal: *“She was terrified of him being released from prison and three months or four months before his release she told her friend Mona: I don’t want to see you any more. I don’t want anything to do with you because of your husband’s situation”*. Meta l-appellant hareg mill-habs, martu u Monica Harrington kienu jitkellmu kultant bit-telefon u forsi jiltaqghu ghal xi kafe` izda ma baqghux johorgu filghaxija. *“Apparently he would come out here and make threats to Sylvia. But I have no evidence of this of any sort. Sylvia just told me that she’d seen his car. It was parked near the bar. It was parked where we used to live sometimes.”* Qal li darba minnhom avvicinah l-appellant u saqsieh jekk kienx jaf fejn kienet martu Monica. Ix-xhud wiegbu li ma kellux ideja u l-appellant qallu: *“Mind your own business.”*

j) Mario Farrugia, li martu tigi oht Sylvia King, xehed li darba meta martu kienet tqila, l-appellant kien ghamlilha hafna paniku wara l-bieb u wara xi tlieta jew erbat ijiem ra lill-appellant ftit ‘il fuq mil-Lemon and Lime f’Marsascala u mar qallu li ma kellux ghalfejn ifittex lil martu ghandu ghax hu (ix-xhud) ma kellu x’jaqsam xejn fil-kwistjonijiet li seta’ kellu l-appellant mal-mara. Semma’ wkoll incident li kkonfidat mieghu li kellha Sylvia King stess fis-sens li l-appellant, xi disa xhur/sena qabel id-delitt meta kien ghadu hiereg mill-habs, kien iltaqa’ maghha u ghamlilha paniku fuq il-mara tieghu u x-xhud taha parir biex taghmillu garanzija.

k) Lawrence Grima qal li Sylvia King kellha incident ma’ l-appellant meta mar taha fastidju d-dar biex isaqsiha dwar fejn hi qieghda martu. Ix-xhud qal li Sylvia King qaltlu li ghamlet rapport l-ghassa minhabba f’dan l-incident, u dan ghalkemm kienet bniedma li ma tibzax. Meta l-appellant hareg mill-habs, martu kienet marret toqghod ghand xi hadd jigi minnha f’xi razzett u Sylvia King kienet iccemplilha darba fix-xahar.

l) Maria Farrugia, oht Sylvia King, semmiet l-incident meta l-appellant mar ifittex lil martu ghandha, jigifieri ghand King. Irreferiet ukoll ghall-incident meta hi (ix-xhud) kellha disa’ xhur tqala u mar fuqha l-appellant isaqsiha jekk martu kinitx ghandha u hi wegbitu li kienet ilha ma taraha. L-appellant, skond ix-xhud, qallha: “Ara nkun naf li qieghda hawn ghax b’rasek idur.” Qalet li hadha daqsxejn bil-herra.

m) Doris Grima rrakkontat li Sylvia King gieli raqqdet lil Monica Harrington u anke lil uliedha ghandha. Qalet ukoll li gieli saqsietha dwarha u kienet tghidilha li din Monica Harrington mahruba mir-ragel izda kienu jcemplu lil xulxin darba fix-xahar. Skond ix-xhud, lil Sylvia King kienu jippruvaw jifthulha ghajnejha li r-relazzjoni taghha ma’ Monica Harrington kienet tfisser “trouble” izda hi ma kinitx tidher li tinkwetaha din il-haga.

9. Ghalhekk is-sitwazzjoni fattwali kienet tali li l-gurati setghu legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjonijiet li waslu ghalihom.

Ghaldaqstant l-aggravju fil-mertu huwa michud.

## Il-Piena

L-appellant jghid li ghalkemm il-verdett ma kienx unanimu dwar l-ewwel kap, u minkejja dak li tipprovdi l-ligi, l-ewwel Qorti kkundannatu ghall-oghla sentenza li setghet taghtih, jigifieri l-prigunerija ta' l-ghomor. L-appellant jghid li dan jistona mhux biss ghax il-ligi fejn il-verdett ta' htija mhux unanimu tahseb ghal piena li mhux ghal ghomor, izda ukoll meta tigi paragonata l-piena f'dal-kaz ma' dik f'kazijiet ohra.

Il-principju regolatur in materja ta' piena huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[3].

Il-piena erogata mill-ewwel Qorti f'dan il-kaz certament taqa' fil-parametri tal-ligi, ghalkemm fil-massimu possibbli, massimu li l-ewwel Qorti fid-diskrezzjoni taghha, kellha kull dritt li timponi. Difatti l-artikolu 492 tal-Kodici Kriminali jipprovdi: **"Il-qorti tista' taghti piena ta' prigunerija ghal zmien li ma jkunx anqas minn tnax-il sena minflok il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor jekk, fid-dikjarazzjoni ta' fatt li ghalih hemm stabbilita l-piena ta' prigunerija ghall-ghomor, il-voti tal-gurati ma jkunux unanimi"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Jigifieri fejn verdett mhuwiex unanimu hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk taghtix piena anqas minn dik ta' l-ghomor.

[3] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

Issa, f'dan il-kaz l-ewwel Qorti qieset, fost affarijiet ohra, li l-qtil volontarju ta' Sylvia King kien wiehed premeditat u **"gie mwettaq mill-hati bl-aktar mod krudili u hruxija"**. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li f'kazijiet bhal dak in dizamina, min ikun responsabbli jrid jirrispondi ta' ghemilu permezz ta' piena adegwatament harxa. Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Andy Calleja** moghtija fid-9 ta' Gunju 2005: **"Skop iehor tal-piena huwa dak li <u>tigi protetta s-socjeta`</u>. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, <u>is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali</u>."**

Ghalhekk, u wara li hasbet fit-tul dwar dan il-punt, fil-kaz in ezami din il-Qorti ma tara l-ebda raguni sabiex tiddisturba l-piena li giet inflitta mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha b'dan li z-zmien ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------